MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 13/2009

**Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha l-Avukat Dottor Theresa Comodini sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Avukat Dottor Theresa Comodini**

**vs**

**Gevimida Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Marzu, 2009, l-Arbitru fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **"**F'dan l-arbitragg irid jigi preliminarment deciz jekk incident li jirrigwarda kollass ta' hajt estern ta' bini fuq *karozza* pparkjata jaqax taht il-gurisdizzjoni mandatorja imposta mill-Parti IV tal-Kap. 387. L-Att jiddisponi b'dan il-mod:

*Arbitragg Mandatorju*

*It-tilwimiet hawn izjed ‘l isfel imsemmija fit-Taqsima A ghandhom jittiehdu f’arbitragg taht ir-regoli msemmija fit-Taqsima B b'zieda ma' dawk ir-regoli li jistghu jigu mahrugin mic-Centru minn zmien ghal zmien.*

*Taqsima A*

*Omissis-*

*1.2 Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur*

*Kull tilwima civili jew kummercjali, li ma tkunx wahda li jkollha x'taqsam ma' talba ghal danni ghal hsara fil-persuna, li tkun tilwima li torigina minn:*
*(a) kollizjoni bejn vetturi, jew*
*(b) hsara involontarja fil-proprjeta li tinvolvi l-vetturi, jew*
*(c) talba bhal dik kontra assiguratur awtorizzat, kumpannija assiguratrici fuq il-hajja, underwriter approvat mill-Ministru responsabbli ghat-trasport jew persuna ohra li skond l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104) jew xi polza ta' assigurazzjoni, tista' tkun responsabbli dwarha, u*
*(d) li l-valur taghha ma jkunx jeccedi l-hdax-il elf u sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87).*

Ir-rikorrenti jissottomettu illi tezisti l-gurisdizzjoni ta’ l-arbitragg f’ dan il-kaz taht il-parti 1.2 (b) u cioe' hsara volontarja li tinvolvi vettura. Huma jargumentaw illi id-dicitura tal-paragrafu (b) hija wiesgha bizzejjed biex tinkludi kull hsara li tista' ssir fuq vettura. Ir-rikorrenti jiccitaw is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar (talba 775/2007ISB), li kienet iddecidiet illi hsara fuq karozza li sehhet ghaliex waqghet injama fuqha, ma kienitx ta' kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet

Zghar imma ta' kompetenza ta' arbitragg mandatorju.

Is-socjeta' intimata tikkontesta din il-pozizzjoni u inoltrat nota fuq dan il-punt fejn qeghda tghid li ma taqbilx mas-sentenza imsemmija tat-tribunal u taghti is-segwenti ragunijiet.

Hi tghid illi l-intenzjoni dikjarata tal-legislatur kienet li l-arbitragg ikun mandatorju f'kaz ta' incidenti awtomobilistici. F'incidenti simili il-hsara tista' tigi kkaggionata bejn numru ta' vetturi jew inkella fil-propjeta' ta' xi hadd permezz ta' vettura. Tkompli tghid illi l-paragrafu (b) fit-test ingliz huwa forsi iktar car ghaliex jghid *"any involuntary damage to property involving vehicles".* Kieku l-interpretazzjoni tat-tribunal kellha tkun korretta, il-kliem tal-ligi kien ikun: *"any involuntary damage to vehicles".* Finalment, is-socjeta' intimata tikkonkludi l-argument billi tirreferi ghall-paragrafu (c) ta' l-istess skeda li bl-ingliz jitkellem fuq *"any such claim against an authorised insurer"* li bil-Malti jissarraf f'*talba bhal dik kontra assiguratur awtorizzat, kumpannija assiguratrici fuq il-hajja, underwriter approvat mill-Ministru responsabbli ghat-trasport jew persuna ohra li skond l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104) jew xi polza ta' assigurazzjoni, tista' tkun responsabbli dwarha.*

L-argument tikkonkludih billi tghid illi l-ligi qeghda tikkontempla ghal-fini tal-kompetenza ta' l-arbitragg mandatorju azzjoni kontra assigurazzjoni u mhux bil-maqlub. L-arbitru sottofirmat bl-ikbar rispett lejn l-gharef Tribunal Ghal Talbiet Zghar jikkondividi il-posizzjoni tas-socjeta intimata.

Fl-ewwel lok it-titolu ta' din il-parti jissejjah *Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur.* Dan ifisser illi l-incident jew il-hsara in kwistjoni trid tirrizulta minn sinistru stradali cioe minn incident

tat-traffiku. Minn dan isegwi illi dak illi l-ligi qed tikkontempla hija hsara talvolta kawzata bl-intervent ta' vettura u ma tikkontemplax kif qal it-tribunal kwalsiasi hsara li tista' ssehh fuq vettura. L-arbitru jaqbel ukoll illi d-dicitura *"any involuntary damage to property involving vehicles"* u bil-Malti *hsara involontarja fil-proprjeta li tinvolvi l-vetturi* tindika illi li kieku l-legislatur ried jinkludi kull hsara mwettqa fuq vettura l-istess legislatur ma kienx juza l-kliem li uza izda kien sempliciment jghid kliem fis-sens ta "kull hsara involuntarja fuq vettura".

Izda, ghall-arbitru sottofirmat l-iktar argument konkludenti jinsab fil-paragrafu (c). Dan qed jitkellem fuq talbiet bhal dawk taht il-paragrafu (a) u (b) meta dawn isiru kontra assikurazzjoni taht il-Kap. 104. Taht dik il-ligi huma koperti pretensjonijiet kontra min jassikura vettura bil-mutur ghal hsara li dik il-vettura tista' tikkaguna fuq il-propjeta' ta' terzi. Kwindi, isegwi illi l-paragrafi (a) u (b) qeghdin jirreferixxu BISS ghal meta l-hsara in kwistjoni tkun giet kkawzata bil-mezz ta' vettura bil-mutur u mhux il-kuntrarju.

<u>Konkluzjoni</u>

Ghal dawn il-motivi, l-arbitru jiddikjara illi qed jilqa' l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta' intimata dwar l-inkompetenza tieghu *ratione materiae* u konsegwentement jiddikjara ruhu inkompetenti biex jiehu konjizzjoni tat-talba odjerna u ghalhekk jastjeni milli jkompli s-smieh ta' l-istess.

In vista illi l-vertenza kienet tinvolvi punt ta' ligi gdid huwa xieraq illi l-ispejjez ta' dan l-arbitragg jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.”

Is-socjeta` assiguratrici u l-assigurata taghha appellaw minn din is-sentenza biex jikkontestaw lit-Tribunal ta’ l-Arbitragg l-interpretazzjoni minnu akkordata lis-sub-

paragrafu (b) tal-paragrafu 1.2 tar-Raba’ Skeda ta’ l-Att dwar l-Arbitragg (Kapitolu 387). Huma jissottomettu b’aggravju illi biex jiskatta l-arbitragg mandatorju taht l-imsemmi provvediment bizzejjed li jkollok vettura involuta fil-hsara involontarja u dan sija jekk il-hsara tkun ikkagonata minn vettura, sija jekk il-hsara involontarju tkun ikkagonata fuq il-vettura nnifisha, bhal fil-kaz odjern;

Skond l-Istatement of Claimipprezentat mill-appellanti fic-Centru Malti ghall-Arbitragg dawn kienu qeghdin jirreklamaw di fronte ghas-socjeta` appellata r-rizarciment ghad-danni subiti fuq il-vettura ta’ l-assigurata l-Avukat Dottor Theresa Comodini bil-waqgha ta’ hajt, proprjeta` tas-socjeta` appellata. Ghal din il-pretensjoni s-socjeta` appellata ssollevat in linea preliminari l-inkompetenza *ratione materiae* tat-Tribunal ghall-motiv li ma kienux jikkonkorru l-elementi rikjesti mil-ligi ghad-devoluzzjoni tal-kwestjoni lill-arbitragg mandatorju;

Indubitament, l-eccezzjoni relattiva sollevata *in limine litis* hi wahda fis-sens li l-kontroversja ma kellhiex tigi devoluta lit-Tribunal ta’ l-Arbitragg, in kwantu r-riferiment ta’ dik l-istess kontroversja kienet eskluza mill-gurisdizzjoni ta’ l-Arbitragg Mandatorju ghal-liema jirreferi r-Raba’ Skeda bl-emenda apportata ghall-Artikolu 15 ta’ l-Att;

Meta tqum kwestjoni ta’ kompetenza, il-Qorti ta’ revizjoni ghandha preventivament taccerta jekk il-kwestjoni sottoposta lit-Tribunal gietx sew prospettata minn dan fis-sens deciz illi dik l-kompetenza tieghu kienet wahda prekluziva a norma tal-ligi;

Ghal stharrig bhal dan jibda biex jigi osservat illi fl-ordni processwali hu sew maghruf illi ghal fini tad-determinazzjoni tal-kompetenza minhabba l-materja rigward ghandu jittiehed ghall-kontenut tat-talba introduttiva mill-parti u tac-cirkustanzi migjuba ghab-bazi taghha, indipendentement mill-fondatezza, o meno,

taghha. Naturalment, f'dan l-istess ezercizzju rigward irid isir ukoll tad-deduzzjonijiet tal-kontroparti. Fondamentalment, l-investigazzjoni mit-Tribunal trid twassal biex mill-gharbiel li jaghmel ta' l-oggett tat-talba, tal-fatti sottostanti, u tad-deduzzjonijiet, jiddetermina jekk *prima facie* ghandux il-kompetenza proprja li jiddefinixxi l-kwestjoni sottomessa. Huwa dan l-ezercizzju li gie kondott mit-Tribunal f'dan il-kaz, komplimentari ma' dak ta' l-interpretazzjoni tieghu tad-disposizzjoni rilevanti tal-ligi, biex ikkonkluda illi t-Tribunal ma kellux il-kompetenza li jiddeciedi kwalsiasi xorta ta' hsara fuq vettura jekk mhux f'kuntest ta' incident awtomobilistiku;

Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-veduta tat-Tribunal issib l-adezjoni shiha taghha u jkollu jinghad illi l-argoment ta' l-appellanti ma jikkonvincix. Fir-rigward qed isiru dawn il-konsiderazzjonijiet:-

1. Fl-ewwel lok, l-arbitragg prospettat taht ir-Raba' Skeda hu wiehed mandatorju impost mil-legislatur fil-kazijiet eccezzjonali hemm prospettati, ossija dwar tilwimiet dwar Condominium (subparagrafu 1.1) u tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur (subparagrafu 1.2). Trattasi ta' procedimenti, ta' indoli koercitiva, l-istess ghandhom jircievu interpretazzjoni ristrettissima. Dan qed jigi rilevat in kwantu l-interpretazzjoni ta' ligi ghandha tkun dejjem konsona mar-raguni u, f'dan il-kaz, ma jidhrux li huma ragonevoli, proprju f'materja eccezzjonali u ta' imposizzjoni mandatorja, illi jigu ammessi estensjonijiet ta' kontroversji li l-istess legislatur ma kkontemplax;

2. Evidentement, l-appellanti ma jistghux lanqas jottjenu soljev mir-referenza specifika ghal dak li ntqal minn wiehed mill-kelliema fid-dibattiti parlamentari fuq l-abbozz tal-ligi, ghaliex, apparti l-konsiderazzjoni li kien hemm diskorsi minn kelliema ohra li kienu jsostnu t-tezi tas-socjeta` appellata, abbraccjata mit-Tribunal, strettament l-intenzjoni tal-legislatur ghandha tigi rikavata mil-ligi, anke jekk, kif ritenut, hi prattika li "xi drabi jigi ricerkat dawl anke mid-diskussjoni ta' l-abbozz tal-ligi fil-Korp Legislattiv" ("**Nazzareno Cutajar -vs- Carmelo**

**Quirolo *nomine et***", Appell Civili, 1 ta' Dicembru, 1961). Gja qabel din kien gie osservat illi "ghalkemm id-dibattiti parlamentari jistghu joffru materjal ghal valutazzjoni tal-kontenut tal-ligi, l-opinjonijiet individwali hemm moghtija ma jbiddlux il-volonta superjuri tal-Poter Legislattiv, kif espress bil-kliem u bil-kostruzzjoni tal-ligi stess". Ara "**Stella Xuereb *et* -vs- Carmelo Attard *et***", Qorti Civili, Prim' Awla, 11 ta' Jannar, 1958;

3. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-ligi kif inhi, rettament interpretata, ma ssostnix il-pretensjoni ta' l-appellanti. *Ictu oculi*, mill-istess intestazzjoni tas-subparafra 1.2, il-kontroversja li l-legislatur jirrizerva b'mod mandatorju lill-Arbitragg huma dawk li ghandhom rapport kawzali ma' incidenti ta' traffiku li jikkagunaw dannu materjali fl-istess vetturi jew fil-proprjeta` ta' terzi b'effett tat-tamponament f'dik l-istess proprjeta` minn vettura jew vetturi ko-involti f'dak l-istess incident stradali. Il-kaz tat-tigrif ta' hajt fuq vettura stazzjonarja minghajr dik il-konnessjoni mhix wiehed minn dawn. Sewwa ghalhekk irraguna t-Tribunal illi dak ikkontemplat mil-ligi hija hsara kagonata bl-intervent ta' vettura u mhux hsara li tista' ssehh fuq vettura, hi x'inhi l-fonti taghha;

4. Gjaladarba din hi l-interpretazzjoni korretta li tikkorrispondi ghall-ispirtu informatur tal-ligi kien ghal kollox korrett it-Tribunal li ddeklina li jippronuncja ruhu dwar il-mertu tat-talba kreditorja sottoposta lilu, anke ghaliex it-tilwima ma kienetx wahda assoggettata ghall-arbitragg mandatorju u konsegwentement kienet tesorbita mill-kompetenza tieghu.

Ghall-motivi kollha premessi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma d-decizjoni appellata, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------